MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 543/2009

**Hermen Camilleri – ID-180736M**

**vs**

**Alan Galea**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta’ Gunju tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill- attur is-somma mitluba ta’ tliet mija u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€390.44) li b’ digriet tat-18 ta’ Frar 2010 gie awtorizzat korrezzjoni fl-ammont mitlub, u cioe` fis-sens illi dan ghandu jinqara fis-somma ta’ hames mija u sebgha u tmeni ewro u sittax-il centezmu (€587.16) rapprezentanti arretrati ta’ kera ta’ garaxx numru D, Gasan Court, Msida li gie mikri minn ghand l-attur skont skrittura tat-13 ta’ Settembru 2007 bl-ispejjez tal-prezenti u ta’ l-ittra interpellatorja tad-19 ta’

Frar 2009 u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat anke bil-korrezzjoni ta' l-ammont kif fuq indikat huwa baqa' ma pprezenta l-ebda risposta kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema' lil Dr. Anthony Cutajar jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tallum peress illi ma kien ser l-ebda pagament fil-mori ta' dawn il-proceduri.
Ra li ghalkemm imsejjah diversi drabi l-konvenut baqa' ma deherx u ghalhekk wisq anqas ressaq provi nkontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma mitluba ta' hames mija u sebgha u tmeni ewro u sittax-il centezmu (€587.16) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha tal-prezenti kif rikjesti a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------